MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 553/2004

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Flipper Trading Company Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm389.90c (tlett mija u disgha u tmenin lira Maltin u disghin centezmu) rapprezentanti prezz ta' diversi oggetti, fosthom kotba u gazzetti, mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta, fuq inkarigu taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-Avviz tat-talba, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.
Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------